MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2005

Talba Numru. 508/2005

**Mirage Holdings Limited (C6808)**

**Vs**

**Anthony Albanese**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ tlett mija u sebgha u tletin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm337.85c) in kwantu ghas-somma ta’ tlett mija u seba’ liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm307.85c) bhala prezz ta’ merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata u in kwantu ghas-somma ta’ tletin lira Maltin (Lm30) bhala nteressi fuq l-istess.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali ulterjuri sad-data ta’ l-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-4 t’April, 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------